Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Mercieca**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Mercieca talli fit-22 ta' Ottubru 1998, ghal habta ta' xi 9.30am, fl-Imgarr, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Agius, mix-Xaghra, skond kif ccertifika Dr. Carmelo Galea, MD, ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Gunju, 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta' Gunju 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Julian Mercieca hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda lliberatu taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Julian Mercieca, minnu ppresentat fil-25 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li ma jistax jinghad li Agius garrab offiza ta' natura gravi, u dan peress li l-unika prova li gabet il-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward huwa c-certifikat tat-tabib li ezamina lil dan Agius immedjatament wara l-incident. Skond l-appellant is-semplici fatt li tabib jiccertifika li offizi huma ta' natura gravi *per durata* ma hix prova sufficjenti li ghandha twassal qorti ghall-konkluzzjoni li l-offiza kienet verament wahda gravi *per durata*. Skond l-appellant, Agius kellu jerga jigi ezaminat minn tabib <u>wara</u> tletin gurnata biex dana t-tabib ikun jista' jghid li l-marda tal-gisem in kwistjoni damet aktar minn tletin gurnata. Dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Ic-certifikat a fol. 16 ta' l-atti, konfermat mit-Tabib Charles Galea fid-deposizzjoni tieghu tal-11 ta' Marzu, 1999, jindika car hu tond li Agius kellu frattura fl-ghadam ta' wiehed mis-swaba ta' idu l-leminija. Anqas kien hemm ghalfejn li l-imsemmi tabib jghid li tali offiza kienet wahda gravi *per durata* ghax huwa fatt maghruf – u li qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu minghajr il-htiega ta' xhud li jesprimi opinjoni medika – li ksur fil-ghadam jiehu aktar minn tletin gurnata biex ifiq kompletament. Apparti minn hekk, l-imsemmi certifikat mediku u l-kontenut tieghu (inkluza l-opinjoni medika espressa fih dwar id-durata tal-marda) qatt ma gie kontestat jew kontradett mid-difiza quddiem l-ewwel qorti. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu li l-ewwel qorti naqset milli takkolji t-tezi tieghu ta’ legittima difeza. Dana l-aggravju huwa infondat. Kemm mill-istqarrija ta’ l-appellant lill-pulizija (fol. 12 u 13), kif ukoll mid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti (fol. 92 *et seq.*) jidher car li l-appellant aggredixxa lil Agius mhux biex jiddefendi lilu nnifsu izda bhala ritaljazzjoni ghal dak li, skond l-istess appellant, Agius kien ghadu kif ghamillu. Tali ritaljazzjoni tista’, fil-kazijiet kongruwi, tinkwadra ruhha f’wahda mill-iskuzanti previsti mill-ligi (per ezempju, is-sitwazzjoni prevista fil-paragrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 227 tal-Kap. 9, paragrafi dawn applikabbli ghall-offizi fuq il-persuna bl-Artikolu 230), izda certament ma tistax tammonta ghall-gustifikazzjoni tal-legittima difeza taht l-Artikolu 223. Wiehed jagixxi in legittima difeza biex jipprova jevita l-hsara li jara gejja fuqu, u mhux biex jirritalja ghall-hsasa li tkun diga saret. L-appellant ma hu qed jikkampa ebda skuzanti, izda biss id-difiza ta’ legittima difeza, li f’dan il-kaz assolutament ma tregix.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sentejn tal-liberazzjoni taht kondizzjoni jibdew jiddekorru mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------